**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta' Novembru, 2022**

**Rikors Numru 117/2021**

**Edward Abela**

**Vs**

**Ministeru għal Finanzi u Xogħol**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Edward Abela** ippreżentat fil-15 ta' Novembru, 2021, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

*Illi l-esponent appellant kien issottometta applikazzjoni biex jottjeni eżenzjoni minn ħlas ai termini tal-Artikolu 19 tal-Motor Vehicle Registration and Licensing (Kap 368 tal-Liġijiet ta Malta)(transfer of residence) u regulation 4 tal-Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01);*

*Illi l-esponent jikkontendi li huwa ppreżenta d-dokumenti kollha neċessarji sabiex jissodisfa l-kriterji kollha għal tali eżenzjoni;*

*Ill permezz ta deċiżjoni datata 29 ta Ottubru, 2021, l-Awtorita Ntimata nformatu li ma laqgħetx it-talba tiegħu għar-raġuni li qed jargumentaw li ma jirriżultax li l-vettura kienet reġistrata fuq ismu per lo meno għal 24 xahar qabel ma ttrasferixxa r-residenza tiegħu hawn Malta (Dok X);*

*Illi din hija diverġenza purament fattwali u ma hemmx wisq x'wieħed jista jżid minn dan il-lat peress illi għal kuntrarju l-appellant jinsisti li huwa ġab prova soddisfaċenti li tindika li l-vettura kienet tinsab reġistrata fuq ismu għal aktar minn 24 xahar meta huwa ddeċieda li jdawwar ir-residenza tiegħu għal hawn Malta;*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dan it-Tribunal jogħġbu għar-raġuni premessa jilqa dan l-appell billi jħassar għal kollox id-deċiżjoni mogħtija kontra tiegħu fuq indikata u datata 29 ta Ottubru, 2021, u konsegwentement tiddikjara li l-applikazzjoni tiegħu għal imsemmija eżenzjoni għandha tiġi akkolta.*

Ra r-risposta tal-**Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol** ippreżentata fis-17 ta' Novembru, 2021, fejn ġie eċċepit is-segwenti:-

1. *Illi l-aggravju tal-appellant huwa manifestament infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kemm għar-raġunijiet li ser jiġu mogħtija f'din l-umli risposta kif ukoll minn dak li ser jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-appell;*

2. *Illi r-raġuni ewlenija għalfejn il-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala l-'Bord') ċaħad l-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell kien propju għaliex l-appellant naqas milli jissodisfa r-rekwiżit kif impost taħt **Regolament 4(3)(a) tar-Regolamenti Dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.01)**;*

3. *Illi l-vettura li hija s-suġġett tal-applikazzjoni in kwestjoni u li għandha l-pjanċi tar-reġistrazzjoni tar-Renju Unit Nru. YB17BYJ, ġiet irreġistrata f'isem l-applikant hawn appellant nhar it-**<u>30 ta' Mejju tas-sena 2020,</u>** u dan minn kif jirriżulta bl-aktar mod ċar miċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-istess vettura, li qiegħed jiġi anness flimkien ma din ir-risposta u mmarkat bħala '**Dokument MFE1'**;*

4. *Illi minn kif jirriżulta minn '**Dokument MFE2'** li huwa kopja tal-applikazzjoni għall-eżenzjoni in mertu, fuq it-tali applikazzjoni, l-appellant iddikjara li ttrasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta **<u>f' Awwissu 2021</u>**. Isegwi għalhekk li l-vettura in mertu ma kinitx ilha rreġistrata f'isem l-applikant għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu lejn Malta, u dan bi ksur manifest ta' dak li jipprovdi l-istess **Regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01**;*

5. *Illi mingħajr ma għandu għalfejn jingħad, dan it-Tribunal għamilha ċara kemm-il darba li l-kriterji stabbiliti taħt **Regolament 4(3) tal-L.S. 368.01**, huma <u>kumulattivi</u> u <u>tassattivi</u>, bil-konsegwenza li l-Bord ma jistax japprova applikazzjoni għall-eżenzjoni f'każ li wieħed mir-rekwiżiti ma jiġix sodisfatt. Tant hu hekk li **Regolament 4(4)** tal-istess L.S. 368.01 jagħmilha ċara li: "L-eżenzjoni taħt is-subregola (1) **<u>m'għandhiex tingħata</u>** meta -(a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)";*

6. *Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord hija waħda korretta u m'għandiex tiġi mħassra kif mitlub mill-appellanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponent jgħaddi biex jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad l-appell tal-appellant bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2022;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ipproċeda b'dan ir-rikors peress li ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Ministeru intimat datata 29 ta' Ottubru, 2021, liema deċiżjoni ġiet esebita bħala Dok X a fol. 2 tal-proċess u li kienet tgħid, *inter alia,* is-segwenti:

*Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Subsidiary Legislation 368.01under rule 4 (3) (a) which stipulates that "it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty-four months immediately before the date of his transfer of residence to Malta and is still so registered when the vehicle is imported or brought into Malta.*

Illi l-aggravju prinċipali tar-rikorrenti hu illi l-Ministeru intimat għamel applikazzjoni ħażina tal-fatti li kellu quddiemu stante li huwa ġab prova sodisfaċenti li tindika li l-vettura in kwistjoni kienet ilha reġistrata fuq ismu għal iktar minn erbgħa u għoxrin xahar minn meta ħa r-residenza tiegħu hawn Malta.

Illi t-Tribunal jinnota illi r-rikorrent ma xehedx u lanqas ressaq provi u straħ fuq id-dokumentazzjoni ppreżentata in atti, liema

dokumentazzjoni hija essenzjalment l-applikazzjoni tiegħu u d-dokumenti annessi magħha.

**Ikkunsidra:**

Illi d-disposizzjoni tal-Liġi li teżenta vettura milli titħallas fuqha taxxa ta' reġistrazzjoni hija l-artikolu 19 (3) (f) tal-Kapitlu 368 tal-Liġijet ta' Malta (Att Dwar ir-Reġistrazzjoni u Liċenzjar ta' Vetturi Bil-Mutur) liema artikolu jgħid is-segwenti:-

*"19 (3) Il-vetturi bil-mutur li ġejjin għandhom, meta jiġu reġistrati mal-Awtorità, ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni:*

*(f) vettura bil-mutur M1 jew ċikletta li tkun il-proprjetà personali ta' individwu privat u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta, iżda -l-eżenzjoni tingħata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika għal eżenzjoni bħal dik.* ***L-imsemmija eżenzjoni tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula mill-Ministru responsabbli għall-finanzi****."*

Illi l-Ministru responsabbli għall-Finanzi ħaseb għall-imsemmija *"***kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet"*** permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Eżenzjoni Mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur) fejn fost numru ta' kundizzjonijiet oħra hemm il-kundizzjoni imsemmija fir-Regolament 4 (3) (a).

Illi fid-deċiżjoni odjerna it-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord") ibbaża r-rifjut tiegħu proprju fuq iċ-ċitat Regolament li jgħid is-segwenti :

*"4(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*

*(a)* ***hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu <u>għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta</u> u tkun***

***għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta;"***

Illi għalhekk dan ir-Regolament fih żewġ rekwiżiti li persuna li tkun qed tapplika għall-eżenzjoni trid tissodisfa, u ċioe`:-

**1. li l-vettura tkun ilha reġistrata f'isimha għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tagħha għal Malta, u,**

**2. tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta.**

Illi mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent u mid-dokumenti annessi magħha jirriżulta s-segwenti:-

a. Illi skont iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni maħruġ mid-*Driver & Vehicle Licensing Agency* tar-Renju Unit, l-istess vettura ġiet reġistrata għall-ewwel darba fl-2017 u sussegwentement reġistrata fuq isem ir-rikorrent fit-30 ta' Mejju 2020;[1]
b. Skont l-applikazzjoni sottomessa minnu sabiex jiġi eżentat milli jħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni, ir-rikorrent iddikjara li ttrasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta f'Awwissu 2021. Jirriżulta illi r-rikorrent ma niżżel ebda informazzjoni fil-kaxxa appożita intitolata **"*Date of registration when vehicle was registered in the name of the applicant."*[2]**

Illi fit-trattazzjoni orali d-difensur tar-rikorrenti saħaq illi l-Bord kien skorrett meta ma laqax l-applikazzjoni tar-rikorrenti għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni u dan għaliex il-vettura *de quo* kienet ilha iktar minn erbgħa u għoxrin xahar reġistrata fuq isem ir-rikorrenti. Illi huwa bil-wisq evidenti li dan ma hux il-każ. Ir-rikorrent ma ġab ebda prova kuntrarja għal dak muri fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, liema ċertifikat juri li l-vettura in kwistjoni ġiet reġistrata fuq ismu fit-30 ta' Mejju 2020, u kwindi inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minn meta huwa ttrasferixxa r-residenza tiegħu ġewwa Malta. Illi t-Tribunal josserva illi r-rikorrent ma ġab ebda prova biex jirribatti dak imniżżel fl-isemmi

---

[1] Dokument MFE1 a fol. 10, liema document ghandu t-tieni pagna tieghu f'pagna 16
[2] Dokument MEF2 a fol. 13

ċertifikat ta' reġistrazzjoni u ċioe` li hu ***"Acquired vehicle on 30 05 2020".***

Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi għandu quddiemu assenza totali ta' provi li jikkoroboraw dak allegat mir-rikorrent fir-rikors tiegħu.

Għaldaqstant dan it-Tribunal ma jista' jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni tal-Bord u huwa tal-fehma illi l-Bord kien korrett meta rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbażi tal-fatt li l-vettura in kwistjoni ma kinitx ilha reġistrata f'isem ir-rikorrent għal tal-inqas erbgħa u għoxrin xahar qabel ħa r-residenza tiegħu hawn Malta u għalhekk ma kinitx tikkwalifika għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jiċħad it-talba tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Ministeru intimat.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

____________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**